MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1768/2001/1

**John Bezzina Catering Co Ltd**

**Vs**

**APS Bank Ltd**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici premettiet:

Peress illi fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Mejju u l-1 ta' Gunju tas-sena 2000, is-socjeta` attrici tramite Anna Cordina Costa kienet iddepositat is-somma ta' sebat elef u erba mitt lira Maltija (Lm7,400) ge

wwa n-Night Deposit Safe tal-Bank konvenut fejn il-fergha ta' Floriana;

U peress illi dan id-depositu kien intiz li jikkredita l-*overdraft account* li l-istess socjeta` attrici thaddem mal-Bank konvenut liema kont igib in-numru 12837731018;

U peress illi xi granet wara dan l-akkadut, is-socjeta` attrici kienet irciviet minghand il-Bank konvenut ir-relattiva *credit voucher* tal-imsemmi ammont depositat fis-somma ta' Lm7,400 liema *voucher* igib in-numru 419638/FLR, *cashier number* 494 u kopja ta' liema qed jigi hawn esebit markat Dok A;

U peress illi xi zmien wara, is-socjeta` attrici kienet irrejalizzat li l-imsemmi depositu ta' Lm7,400 safa kancellat bl-aktar mod unilaterali u arbitrarju mill-Bank konvenut minghajr il-kunsens u konsapevolezza tal-istess socjeta` attrici u minnfloku il-kont relattiv fuq indikat tas-socjeta` attrici gie akkreditat bl-ammont ta' seba mitt lira maltija (Lm700) biss;

U peress illi tali agir da parti tal-Bank konvenut huwa legalment inaccettabli oltre li huwa abbusiv u sehh bi vjolazzjoni cara tal-kondizzjonijiet li jirregolaw is-servizz tan-*Night Deposit Safe* kif provdut mill-Bank konvenut;

U peress illi l-Bank konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Settembru 2001 sabiex jirrifondu lura lis-socjeta` attrici l-bilanc ta' Lm6,700 li gew imnaqqsa abbusivament mid-depositu fuq indikat oltre l-hlas lura tal-imghaxijiet talvolta dekorribbli fuq dan il-bilanc oltre r-refuzjoni tal-imghax imhallas zejjed fuq l-imsemmi *Overdraft Account* tas-socjeta` attrici u dana b'effett u kalkolabbli mid-data tal-imsemmi depositu tal-1 ta' Gunju 2000, huma xorta baqghu inadempjenti;

Jghid ghalhekk l-istess Bank konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara okkorrendo li l-*credit voucher* numru 419638/FLR tikkostitwixxi ircevuta valida u vinkolanti fil-ligi ghall-ammont depositat mis-socjeta` attrici fin-*Night Deposit Safe* tieghek fil-Furjana fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Mejju u l-1 ta' Gunju tas-sena 2000 u li ghalhekk inti ma ghandek ebda jedd illi sussegwentement u unilateralment tissistitwixxi tali *credit voucher* ma ohra li tkun tindika ammont divers;

2. Tiddikjara okkorendo illi f'dak il-lejl fuq imsemmi s-socjeta` attrici effettivament kienet tassew iddepositat gewwa s-*safe* in kwistjoni l-ammont ta' Lm7,400 u mhux dak ta' Lm700;

3. Tiddikjarak responsabbli ghal hlas fid-differenza tal-flus li sussegwentement gie akkreditat minnkom fl-imsemmi kont *overdraft* tas-socjeta` attrici;

4. Tikkundannak ghalhekk takkredita l-*overdraft account* numru 12837731018 operat mis-socjeta` attrici mal-Bank konvenut versu l-ammont differenzjali fis-somma ta' Lm6,700 oltre bl-interessi legali dekorsi u dana b'effett mill-1 ta' Gunju tas-sena 2000 u per konsegwenza tikkundannak ukoll tirrifondi lis-socjeta` attrici l-interessi u l-ispejjez kollha kemm amministrattivi, kemm legali u kif ukoll xorta ohra li l-atturi gew kostretti li jhallsu lill-Bank konvenut fuq dan l-ammont differenzjali b'effett mill-1 ta' Gunju tas-sena 2000 sal-jum meta jigi esekwit l-effettiv akkreditu kif mitlub;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra legali datata 13 ta' Awissu 2001 u tal-ittra ufficjali datata 13 ta` Settembru 2001 u bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mill-1 ta' Gunju 2000 sad-data tal-eventwali pagament effettiv kontra l-Bank konvenut li min issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta** a fol.12 tal-process fejn eccepiet:

1. Is-somma li fil-fatt giet depozitata mis-socjeta` attrici kienet ta' seba` mitt lira (Lm700) u mhux ta' sebat elef u

erba` mitt lira (Lm7,400) u ghaldaqstant it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**PROVI**

John Bezzina xehed li Anna Cordina Costa kienet tiehu hsieb l-karti kollha tax-xoghol tas-socjeta' attrici u kienet taghmel id-depoziti fil-bank. Din kienet lahqet gemmghet is-somma ta' Lm7,400 ta' diversi gimghat xoghol mill-hwienet f'Ghawdex u Malta. Billi kienu ser jixtru van, hu kien qalilha biex tiddepozita dawn il-flus fil-bank. Fil-fatt hekk ghamlet u ddepozitathom fil-fergha tal-Floriana tal-Bank. Ftit granet wara rcevew minghand il-bank l-ircevuta tas- Lm7,400. Zmien wara ndunaw li l-Bank kien iddebitalhom is-somma ta' Lm6,700 mill kont taghhom (*overdraft*) ghax allega li kienu gew depozitati Lm700 biss u mhux Lm7,400 u li l-ircevuta kienu harguha bi zball.

Anna Cordina Costa kkonfermat dana kollu u spjegat li meta marret biex tiddepozita dawn il-flus hi kellha xi seba' *envelopes* tal-bank u qassmet is-somma ta' Lm7,400 gewwa dawn l-*enevelopes*. Il-flus kienu bejn karti ta' Lm10 u ta' Lm20 u kitbet l-ammont ta' flus li kien hemm go fihom. Tefghat il-flus wiehed wiehed, u bdiet tirregistra kull depozitu u kull meta il-magna tghidilha jekk riditx tkompli t-transazzjoni hi bdiet twiegeb iva u baqghet titfa l-*enevelopes* sakemm spiccat tefathom kollha. Meta fl-ahhar il-magna qaltilha jekk riditx ricevuta hi ghamlet bhas soltu u qaltilha "le" ghax kienet taf li din tintbghat bil-posta aktar tard, kif fil-fatt gara anke f'dan il-kaz. Bezzina rcieva ricevuta ta' Lm7,400 xi granet wara (Dok A fol 5). Wara xi zmien innotat li d-depozitu ta' Lm7,400 gie kancellat u l-

bank qalulhom li kienu naqsulhom biss l-ammont ta' Lm700 minflok Lm7,400.

Nadia Camilleri li kienet il-kaxxiera li dahhlet l-*entry* ta' Bezzina, xehdet li dana l-kaz tqajjem sena u nofs wara li saret it-transazzjoni. Fir-rapport generat mill ATM hemm miktub li kien sar depozitu wiehed biss fil-kont 'overdraft' ta' Bezzina fl-ammont ta' Lm700. Din kienet is-somma li giet 'inputted' mill-persuna li kienet ghamlet id-depozitu. Mir-Rapport tal-Group 4 tal 1/6/00, li huma l-persuni inkarigati biex jigbru l-flus depozitati fl-ATMS, liema rapport sar immedjatament wara l-gbir tal-*enevelopes*, dak in nhar ingabar *envelope* wiehed biss li kien depozitu f'isem 'J. Bezzina'. L-uniku *envelope* li ngabar fl-1 ta' Gunju f'isem J. Bezzina kien fih imnizzel l-ammont ta' Lm700 (Dok NC1 fol 64).

Ix-xhud spjegat il-procedura li tigi segwita u qalet li meta l-*envelopes* jingiebu mill Group 4 il-bank, zewg *supervisors* tal-bank jiccekkjaw illi l-istess numru ta' *envelopes* imsemmi fir-rapport tal-Group 4 li jkun ingab il-bank. Dawn l-*envelopes* jigu mqassma bejn il-kaxxiera u kull kaxxier jiftah *envelope* wiehed biss u jikkredita l-kont koncernat bl-ammont depozitat. Kull kaxxier jiccekkja li l-flus li jinsabu fl-*envelope* jikkorrispondu ma' l-ammont li hemm imsemmi fl-envelope u f'kaz li dawn iz-zewg ammonti ma jaqblux il-kljent jigi mgharraf immedjatament u nota ta' dan il-fatt jitnizzel fuq l-istess *envelope* ta' depozitu mis-*Supervisor* li jkun ikkuntattja lill kljent.

F'dan il kaz hi kienet inkarigata biex tipprocessa dan id-depozitu. Bi zball hi dahlet fil-*computer* l-ammont ta' Lm7,400 minflok Lm700, x'aktarx minhabba l-fatt li n-numru 4 jinsab ezattament taht in-numru 7 fuq il-*keyboard* tal-*computer*. Hi immedjatament indunat bl-izball billi d-denominazzjonijiet ma qablux mal- ammont li kien precedentement ikkreditat. Fil-fatt mid-dokument NC2 u NC 3 jidher li ir-*reversal* tad-depozitu zbaljat sar wara minuta (fol 65/66). Hi kienet ottjentiet l-approvazzjoni tas-supervisor biex taghmel dana. X'aktarx li gara imbaghad f'dan il-kaz kien li intbaghtet lill kljent il-*Customer's Voucher* il-hazina.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Jirrizulta mill-provi prodotti li mill-kitba fuq l-envelope tad-*deposit* li ghamlet Anna Cordina Costa (fol 64) fl-ATM tal *branch* tal-bank fil-Furjana, li l-ammont tad-depozitu kien ta' Lm700. Il-*Customer's Copy*, tad-*Deposit Voucher*, li esebixxa l-attur a fol 5 bl-entrata ta' Lm7,400, hija skond il-konvenuti zbaljata. Huma spjegaw li dina l-*Customers Copy* giet mibghuta lill atturi bi zball, billi kienet saret *entry* zbaljata, li giet korreggjuta immedjatament, imma bi zball iehor, lill klijent baghtulu l-kopja bl-entrata zbaljata. Madankollu mid-dokumenti ezibiti a fol 65 u 66 jirrizulta car li l-*entry* zbaljata ta' Lm7,400 li saret mill-kaxxiera giet immedjatament irriversjata kif juru dawn iz-zewg dokumenti fejn fil 11:29 a.m. saret entry zbaljata ta' Lm7,400 u sar ir-reversal minuta wara fil 11.30 a.m. ta' Lm700. Il-kaxxiera Nadia Camilleri xehded li meta indunat b'dan l-izball hija kienet talbet lis-*Supervisor* biex tirriversja l-entrata u fil-fatt hekk sar. Izda gara li lill attur baghtulu l-*entry* zbaljata minflok dika korretta.

Jirrizulta li mill ATM Journal ta' dak in nhar kien sar depozitu wiehed ta' Lm700 fl-*envelope* wiehed u mhux f'seba' *envelopes* kif allegat Anna Cordina Costa. Dan gie konfermat ukoll mir-rapport tal-Group 4 li kien jaqbel ma dak li kien rceva l-bank (Ara xhieda ta' Glen Simpson a fol 82/3).

Gie pruvat li mhux possibili li jsiru seba' *deposit* b'seba' *envelopes* f'transazzjoni wahda u f'ammont hekk kbir, billi l-apertura hija ristretta. Skond id-Dok MC 02 a fol 77 l-kumpanija li tipprovvdi l-ATM lill Bank ikkonfermat li l-apertura tal-ATM l-aktar li tinfetah huwa b'massimu gholi ta' 12.7mm li hi apertura dejqa hafna. Inoltre l-ATM taghlaq immedjatament wara li jidahhal *envelope*, u ma tippermettiex li d-dahhlu seba' *envelopes* wara xulxin f'transazzjoni wahda (ara xhieda Dr. Mark Sammut). Invece l-ATM tesigi li jerga jiddahhal l-*pin number* ghal kull transazzjoni, haga li pero' jirrizulta li ma saritx billi kien hemm *input* wiehed fil-Journal tal ATM bl-ammont wiehed ta' Lm700.

Jirrizulta li kien ingabar *enevelope* wiehed mill Group 4 f'isem il-klijent John Bezzina li kien fih miktub mill-istess klijent l-ammont ta' Lm700. Glen Simpson xehed li "*it is Group 4 standard procedure to record multiple deposits either by writing down on the Log Form the customer's name consecutively equal to the number of envelopes deposited or else write the customer's name and next to it write within brackets the number of envelopes deposited preceded by a multiplication sign. According to the Log Form of the 1st June 2000 it results that during the night of the 31st May and 1st June 2000 only one envelope was deposited at the Belt-is-Sebh ATM belonging to John Bezzina*". (ara wkoll xhieda Dr. Mark Sammut a fol 90).

Mill l-ATM *Journal Roll* (ara fol 76) wara t-transazzjoni ta' Lm700 ma kienet saret ebda transazzjoni ohra sas-siegha u wiehed u tletin minuta ta' l-ewwel ta' Gunju 2000 u ghalhekk id-*deposits* l-ohra li allegatament saru ma jirrizultax li saru la mill *journal* u lanqas fizikament ma nstabu.

Finalment fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li fid-dok NC1 a fol 64 ma tnizzel xejn li jindika li l-atturi kienu gew mgharrfa immedjatament jew saret xi nota fuq l-*envelope* ta' dana l-fatt mis-*supervisor* li l-kljent gie kkuntattjat u infurmat li kien hemm xi diskrepanza fid-depozitu.

Jigi rilevat li mix-xhieda ta' Lawrence Scicluna, Bank Manager APS Gozo, Anna Cordina Costa kienet qaltlu li kienet poggiet is-somma ta' Lm7,400 f'envelope tal-Bank u hu kien qalilha li dan ma tantx kien possibli peress illi l-volum taghhom kien kbir wisq biex jghaddi mill ATM machine. Hi mbaghad qaltlu li d-*deposit* sar permezz ta' aktar minn *envelope* wiehed izda hu kien wissija dwar dak li kienet qed tghid. Jidher ghalhekk li anke Anna Cordina Costa ma kienitx konsistenti fil-versjoni taghha dwar id-depozitu li suppost ghamlet. Lawrence Scicluna xehed ukoll li l-kumpanija attrici qatt ma ddepozitat ammonti sostanzjali bhal l-ammont ta' Lm7,400 fil-kontijiet taghha, anzi skond hu d-depoziti kienu jkunu kollha ta' ftit mijiet ta'

liri u kellu jaghmel *call in* billi s-socjeta' attrici ma kienitx qed taghmel il-pagamenti regolari.

L-atturi ssottomettew ukoll li huma ghamlu dan il-pagament sostanzjali billi kellhom l-arretrati xi jhallsu lill bank, izda l-Qorti tirrileva li fix-xhieda taghhom kemm John Bezzina kif ukoll Anna Cordina Costa xehdu bil-gurament li dak l-ammont kollu kienu qed igemmghuh u zammewh id-dar billi riedu jixtru van u mhux biex ihallsu lill bank.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba attrici
Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------